# LAQMIJIET - TARXIEN

Minn GUIDO LANFRANCO

Fl-1981 kont hajjar studenti fin-New Lyceum,Msida, biex jaghtu aktar kaz ta' l-aspetti folkloristici ta' l-irhula taghhom; ghalkemm kienu studenti tax-xjenza livell avvanzat, hadu nteress fil-folklor, u gbart diversi dettalji. Wiehed minnhom, C.Hannaford, minn Hal Tarxien, bil-ghajnuna tan-nanna u l-buznanna tieghu, gabarli xi informazzjoni dwar xi laqmijiet, u bil-ghajnuna tieghu, ghalhekk, hawn qed innizzilhom biex jistghu jintuzaw aktar il-quddiem ghal xi investigazzjonijiet dwar niesna. Dawn il-laqmijiet huma biss minn bicca triq qasira. Jibdew minn hdejn il-knisja ta' Santa Marija fi Triq Santa Marija, u jaslu sa qabel tibda Triq Tarxien,qrib is-salib. Hdejn il-knisja ta' S.Marija:Tan-nicca; mal-genb l-iehor tal-knisja,Tal-Kiku minflok Mari ta'Maketta;inkomplu lejn l-isqaqien Ta'Makuka; Ta(Lonzu(iben tan-Nicca);Sqaq No.2:Ta'Xebba l-poplu; wara Tac-Cina, Tal-Labak, Tat-Tabibu, Tal-Manajs, Tas-Sufa,Ir-Roknisa; Sqaq No.3:Ta'Fazolu,Peppa tal-Bajduna,Ta'Cavett,Tas-Suffara,Tax-Xaghru,Ta'Parutti,Ta'Pasasi; wara Ta'Jok;Sqaq No.4: Ta'Cappettu; Felica tal-Klasis;Tal-Kus; wara:Ta'Cappettu, Tal-Boy,Tal-Bux, Ta'Natu,Tar-Ratal;wara Sqaq 5,Tal-Grann(il-Furnar);Sqaq 6:Il-Gudjana,(Tal-Basktijiet),Tax-Xaqqi;wara:Ta'Rasmondu;Sqaq No.7:Ta' Yok; wara:(dawk li jobormu s-sigarretti);tal-Magni. Naqsmu it-Triq, faccata tas-sigarretti, u nibdew mexjin sa qabel taqbad triq Betta, insibu:Tas-Slajs,Il-Markiza,Ta'Pinu,Tal-Bajduna,Tad-Djamanta,Ta' Kaneni,Tal-Barun(Karmena),Ta'Kacija, Ta' Bedudu, Ta'Kasuba, Lonza Ta'Bedudu,u kif tasal Rock Street hemm l-ghajn ta' l-Ilma u Tal-Mazuni.

---